# IL-GHERF

*meħud minn* KTIEB IL-QWIEL *ta' Salamun* (1)

Jiena, l-Għerf, (2) ngħammar mad-dehen,
it-tagħrif u l-ħsieb jien għandi.
Il-beżgħa ta' Alla hi l-mibegħda tal-ħażen;
it-tkabbir, it-tneffiħ, l-imġiba ħażina
u l-fomm giddieb nobgħodhom.
Tiegħi l-fehma u r-rajj,
jiena d-dehen, tiegħi l-qawwa.
Bija jsaltnu s-slaten
u l-imħallfin jaqtgħu l-ħaqq;
bija jaħkmu r-rwajjes
u l-kbarat jagħmlu ħaqq fuq l-art.
Jien min iħobbni nħobbu,
u min ifittixni jsibni.
Għana u ġieh jien għandi,
ġid li jżomm u sedqa.
Il-frott tiegħi aħjar mill-isfa deheb,
u l-għalel tiegħi aħjar mill-fidda l-magħżula
Fit-triq tal-ħaqq jien nimxi,
qalb il-mogħdijiet tas-sewwa,
biex inqassam il-ġid lil dawk li jħobbuni
u l-ħażniet tagħhom jien nimla.

(1) Maqlub bil-Malti mill-Lhudi mill-Prof. Dun P. P. Saydon, imma għadu mhux maħruġ.

(2) L-Għerf li jitkellem hawn mhux il-għerf tad-dinja mogħti biss lil ftit u li bosta drabi jimla u jonfoħ lil bniedem bħal bużżieqa, iżda l-għerf tas-sewwa, li kulħadd għandu jkollu, l-għerf li jmexxina fit-tagħrif ta' Alla u fit-triq li twassalna sa għandu.